MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tas-26 ta' Mejju, 2008

Numru 429/2008

**Il-Pulizija**
**(Spettur Anthony Agius)**

**vs**

**Roderick Barun**

**Illum 26 ta' Mejju, 2008**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Roderick Barun ta' 22 sena, iben missier mhux maghruf u Rita Barun,

imwieled Pieta’ nhar it-30.01.1986 u residenti no. Cerviola Hotel, room 315, Triq il-Qaliet, M’Skala, detentur tal-karta tal-identita’ bin-numru 75486(M)

U gie akkuzat talli fit-12 ta’ Mejju 2008 u fil-gimghat ta’ qabel, f’dawn il-Gzejjer, ghamel falsifikazzjoni f’att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta’ bank privat, b’falsifikazzjoni jew b’tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holoq pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi flolz jew helsien falz minn obbligi, jew billi ddahhal dawn il-pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f’dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu gew iffurmati, inkella billi zied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikolhom fihom jew kellhom jippruvaw, u cioe’ oltera l-licenzja tal-windscreen bin-numru serjali ‘**E 826889’** fuq vettura tal-ghamla Daewoo Racer li ghandha numru tar-registrazzjoni **BAV-107** ai termini tal-Artikolu 183 u 184 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Talli San Giljan fl-10 ta’ Mejju 2008 ghal-habta tas-2.30 ta’ wara nofs in-nhar saq l-imsemmija vettura b’manjiera perikoluza u transkurata u kien ta’ periklu ghall sewwieqa ohra;

Aktar talli fl-istess data, lok u cirkostanzi saq l-imsemmija vettura bin-numru tar- registrazzjoni **BAV-107** ta’ ghamla Daewoo Racer minghajr ma kienet licenzjata mill-Kummissarju tal-Pulizija jew mid-Direttur tad-Dipartiment tal-Licenzji (licenzja mhux rinovata) u dana bi ksur ta’ l-artikolu 15(a) tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta’ Malta.

U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi saq l-imsemmija vettura minghajr ma kellu licenzja tas-sewqan taht il-kategorija ‘B’ mill-Awtorita dwar it-Trasport ta’ Malta biex isuq l-imsemmija vettura;

U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ghamel uzu mill-imsemmija vettura minghajr ma kienet koperta b’polza tas-sigurta dwar ir-riskju tat-terzi persuni.

Talli fl-istess lok, data, hin u cirkostanzi, ma obdiex l-ordnijiet legittimi moghtija lilu mill-Pulizija jew ma halliex jew fixkel diversi Ufficjali tal-Pulizija waqt li kienu jaghmlu d-dmirijiet taghhom, jew b' xi mod bla jedd indahal fl-istess dmirijiet billi ma halliex lil membri tal-Korp tal-Pulizija jaghmlu dak li b'ligi kienu ordnati li jaghmlu u billi hassar jew gab fix-xejn dak li l-membri tal-Korp tal-Pulizija bhala awtorita kienu ghamlu;

Il-Prosekuzzjoni talbet li jigi skwalifikat milli jiehu jew jkollu ebda licenzja tas-sewqan ghal perjodu ta' mhux inqas minn tnax il-xahar.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-Kunsens tal-Avukat Generali li jisab a fol. 5 tal-Process u nnutat li l-imputat m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat ukoll li fis-Seduta tallum l-imputat iddikjara hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat rega' iddikjara li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza.

Rat l-artikoli 17, 183, 184 u 338(ee) tal-Kap. 9, Regolamenti 14(1) u 51(7)(a) tal-A.L. 476/2004, l-artikolu 15(1)(a) (2) u (3) tal-Kap. 65 u l-artikolu 3 tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputat Roderick Barun, fuq ammissjoni, hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-kawza, u wara li rat l-artikoli 28A u 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundanna lill-imputat

Roderick Barun ghall-piena komplessiva ta’ sentejn (2) prigunerija, u tlett mija u disa’ u erbghin Euro u wiehed u erbghin centezmi ta’ Euro (Euro 349.41) multa ekwivalenti ghall-mija u hamsin Liri Maltin (Lm 150) u tordna li din is-Sentenza in kwantu ghall-piena ta’ prigunerija ma ghandiex tibda sehh hlief jekk matul il-perjodu ta’ erba’ (4) snin mill-lum l-imputat Roderick Barun jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija.

Inoltre, il-Qorti, bl-applikazzjoni tal-artikolu 3(2A) tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta’ Malta, tiskwalifika lill-imputat Roderick Barun milli jkollu jew milli jikseb xi licenzja tas-sewqan ghal zmien tnax il-xahar millum.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputat Roderick Barun l-ispjegazzjoni preskritta fl-artikolu 28A(4) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------